A.L. 390 tal-2018

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw it-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Skedi li jinsabu mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru għas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 li jemendaw it-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Skedi li jinsabu mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "it-Tielet Skeda", "ir-Raba' Skeda" u "l-Ħames Skeda" rispettivament.

Kap. 464.

Jemenda t-Tielet Skeda.

2. Fit-Tielet Skeda l-kelma "-Psikoterapija" għandha tiġi mħassra.

Jemenda r-Raba' Skeda.

3. It-Taqsima II tar-Raba' Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "- *Tobba*", minnufih wara l-partita "Kulleġġ Malti ta' Patoloġisti" tagħha, għandhom jiġu miżjuda l-kliem li ġejjin:

"Kulleġġ Malti tat-Tobba tal-Familja";

(b) taħt l-intestatura "- *Infermieri u Qwiebel*", minnufih qabel il-partita "Unjoni Maltija tal-Qwiebel u l-Infermieri" tagħha, għandhom jiġu miżjuda l-kliem li ġejjin:

"Assoċjazzjoni tal-Qwiebel Maltin"; u

(ċ) taħt l-intestatura "- *Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina*", minnufih wara l-partita "Assoċjazzjoni tal-Podjatrija ta' Malta" tagħha, għandhom jiġu miżjuda l-kliem li ġejjin:

"Assoċjazzjoni tal-Uffiċjali għas-Saħħa Ambjentali ta' Malta".

Jemenda l-Ħames Skeda.

4. Il-partita "A. TOBBA" fil-Ħames Skeda, għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "4. Dermatolo-Venerejoloġija" tagħha, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "4. Dermato-Venerejoloġija";

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż, il-kliem "19. Geneto-Urinary Medicine" tagħha, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "19. Genito-Urinary Medicine"; u

(ċ) il-kliem "50. Saħħa Pubblika Viroloġija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "50. Viroloġija".